MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 1126/2003

**Citadel Insurance plc**
**-vs-**
**Fortress Insurance Agency Limited**
**gia Fortress Insurance Brokers Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici li permezz taghha ppremettiet:**

Premess illi l-kumpanija konvenuta fil-kors tal-operat taghha bhala ntermedjarju assikurattiv kienet waslet biex gew mahruga mill-atturi diversi poloz ta' assikurazzjoni favur terzi;

U billi l-arrangament bejn il-partijiet kien li l-kumpanija konvenuta kienet tigbor il-premia dovuti u, wara li tnaqqas

il-kummissjonijiet jew spejjez ohra lilha dovuti, kellha thallas il-bilanc rimanenti lill-kumpanija attrici;

U billi l-kumpanija konvenuta naqqset fl-obbligi taghha billi zammet ammont bilancjali li llum jammonta ghal disat elef, erba’ mija tlieta u disghin lira Maltija, tlieta u sittin centezmu (LM9493.63);

U billi ghalkemm interpellati diversi drabi, anke permezz ta’ ittra ufficcjali l-kumpanija konvenuta baqghet inadempjenti;

U billi sussegwentement ghan-negozju ghal liema din is-somma tirreferi kien sar ftehim ta’ agenzija fejn il-kumapanija attrici hatret lill-kumpanija konvenuta bhala agent taghha, b’dan illi kien gie pattwit li t-transazzjonijiet precedenti u l-bilanc pendenti kellu jinzamm separat;

U billi ghalhekk it-talba hawnhekk kontenuta hi minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi bilanc, jew somma ohra dovuta lill-atturi bhala danni jew imghax, u kull dritt iehor ai termini tal-ftehim ta’ agenzija li giet fis-sehh fid-29 ta’ Jannar 1999;

Tghid il-kumpanija konvenuta ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tikkundannaha thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ disat elef, erba’ mija tlieta u disghin lira Maltija, tlieta u sittin centezmu (LM9493.63) bilanc fuq premia assikurattivi migbura mill-kumpanija konvenuta u dovuti lill-kumpanija attrici;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Frar 2002, ta’ kull att kawtelatorju mahrug in kawtela tal-ammonti hawnhekk mitluba u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv;

Il-kumpanija konvenuta u rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 139 tal-process li permezz taghha ppremettiet:**

1. Illi Fortress mhix debittrici tas-socjeta' attrici la fl-ammont pretiz u lanqas f'ebda ammont iehor.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-nota a fol 131 li biha s-sorte gie ridott ghall Lm 5,435.41;
Rat in-nota tal-konvenuti;

**FATTI**

Illi s-socjeta` attrici ghamlet dina l-kawza sabiex tirkupra l-ammont ta' Lm9493.63 minghand is-socjeta` konvenuta rapprezentanti *premia* li l-istess socjeta` gabret meta kienet qed tagixxi ta' *broker* ghas-socjeta` attrici.

Illi permezz ta' nota fuq imsemmija pprezentata fil-mori ta' dawn il-proceduri, is-socjeta` attrici rriduciet it-talba taghha ghal Lm5435.41.[1]

Illi din il-kawza kienet miexja mal-kawza Citaz. Nru. 136/04 fl-ismijiet *Citadel Insurance plc vs Fortress Insurance Agency Ltd* deciza 'llum stess.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Illi s-socjeta` attrici pproduciet bhala l-uniku xhud taghha lil Angela Tabone, *Executive Director* ta' l-istess socjeta` li esebit sensiela ta' *debit notes*[2] u *Statement of Account*[3] minn fejn skond is-socjeta` attrici jirrizulta l-bilanc dovut lilha.

Illi s-socjeta` konvenuta ikkontestat it-talbiet attrici u dana principalment permezz tal-*Managing Director* taghha

[1] A fol. 131
[2] Dok A a fol. 18 et seq. tal-process
[3] Dok B a fol. 128 et seq. tal-process

Joseph G. Pace. Illi l-istess xhud jghid li meta s-socjeta` konvenuta effettwat l-ahhar pagament *on account* dan kien ikopri l-ahhar bilanc pendenti. Di piu` jghid ukoll illi fl-*statement of accoun*t esebit minn Angela Tabone hemm entraturi doppji jew minghajr dettalji.

Illi s-socjeta` konvenuta ipproduciet bhala xhud lil Joseph Cassar li kien impjegat mas-socjeta` konvenuta bhala *Senior Claims Manager*. Huwa jistqarr illi ghalkemm ma kienx impjegat meta s-socjeta` konvenuta kienet *broker* tas-socjeta` attrici, il-hlasijiet da parti tas-socjeta` konvenuta kienu dejjem isiru *on account* u li l-ahhar pagament li ghamlet is-socjeta` konvenuta lis-socjeta attrici kien ikopri l-ahhar bilanc ta' totali fuq premia dovuti lis-socjeta` attrici.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ix-xhieda prodotti u wkoll id-dokumenti esebiti, u taghmel referenza ghal Dokument FIB 002[4] fejn fl-istess hemm fotokopja tac-*cheque* li permezz tieghu is-socjeta` konvenuta qieghdha ssostni li ghalqet il-kotba mas-socjeta` attrici. Illi pero fl-ittra li tifforma parti mill-istess dokument, Joseph G. Pace, id-Direttur tas-socjeta` konvenuta, informa lil Joseph N. Tabone, ic-Chairman tas-socjeta` attrici, bis-segwenti : «*As explained to you telephonically, our Techinical Departmens are presently sorting out some last remaining adjustments/corrections, which should enable our companies to reconcile any remaining balances due for payment on the Broking account. Immediately such adjustments are finalised, matters will be concluded.* » Huwa veru wkoll li Joseph G. Pace jistqarr li wara li kienu saru l-verifiki da parti tas-socjeta` konvenuta irrizultalhom li ma kien hemm l-ebda bilanc dovut lis-socjeta` attrici. Madankollu fil-fehma tal-Qorti dan ma gie sostanzjat bl-ebda mod.

Illi ghalhekk dak li qieghdha ssostni s-socjeta` konvenuta, u cioe li l-ahhar pagament li ntbaghat minnha ma kienx *on account* ma huwiex korrett. L-ittra esebita mis-socjeta`

[4] a fol. 154

konvenuta stess hija prova cara li kien ghad hemm xi ammont li kienu ghadhom dovuti lis-socjeta` attrici.

Illi fin-nota ta’ sottimisjonijiet taghha s-socjeta` konvenuta tattakka l-*istatement of account* esebit mis-socjeta` attrici principalment minhabba li :

(1) jirrizultaw ammonti doppji
(2) jirrizulta li hemm ammonti minghajr dettalji indikati

Illi din il-Qorti tirrileva illi l-unika cifra li tirrizulta doppja fl-imsemmi *statement of account* hija dik ta’ 126.63 a fol. 130 li tikkorrispondi ma’ l-isem Silvio Cilia. Illi pero, ghalkemm ic-cifra tidher doppja in-numru ta’ referenza taz-zewg items huwa differenti u cioe 035777 u 035778. Ghaldaqstant jidher li din mhix entratura doppja.

Illi fir-rigward ta’ entraturi minghajr dettalji jirrizulta illi l-uniku zewg entraturi minghajr dettalji u cioe dawk bin-numru ta’ referenza 005668 u 005778 jirrigwardaw *credit notes* u ghalhekk mhumiex inkluzi fl-ammont mitlub.

Illi f’materja bhal dik odjerna dejjem pero’ jinkombi fuq min jallega l-ezistenza tal-kreditu illi dan ikun fl-ewwel lok ipprovat a pjena sodisfazzjoni u b’mod univoku u konvincenti. Hi fil-fatt gurisprudenza pacifika illi min jallega ghandu jipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti. Fejn konvenut jikkontraponi difiza bazata fuq hlas bi kwalsiasi mod, l-oneru tal-prova tal-pagament jew kompensazzjoni hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Hu generalment accettat illi f’kaz ta’ dubju dan kellu jkun rizolt favur l-attur kreditur li ma kellux dan l-istess oneru.

Mill-analizi tal-provi akkwiziti, u bhala punt ta’ ligi, l-Qorti ma ssibx fuq il-bilanc tal-probabilita illi s-socjeta’ konvenuta rnexxielha ggib prova rassikuranti, soda u soddisfacenti ghal konvinciment ta’ din il-Qorti li l-kreditu de quo mhux dovut. Anzi l-ittra prodotta mill-istess socjeta tkompli ssahhah il-fehma ta’ din il-Qorti illi c-*cheque* esebit fl-ammont ta’ Lm45,000 ma kienx qieghed jaghlaq il-pendenzi kollha li kellhom il-partijiet. Inoltre l-uniku xhud tas-socjeta` attrici, Angela Tabone, ma giet bl-ebda mod

ikkontroezaminata fir-rigward tas-somma mitluba mill-istess socjeta` f'din il-kawza.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha is-socjeta` konvenuta iccitat zewg decizjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) li jitrattaw l-onoreu tal-prova in materja ta' pagamenti ta' debiti civili. Illi pero din il-Qorti tirritjeni li l-fattispecie tal-istess kazijiet kienu differenti mill-kaz odjern u ghalhekk ma jista' jsir l-ebda paragun.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici
u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' €12,661.10 ekwivalenti ghal Lm5435.41 bilanc fuq *premia* ta' assikurazzjoni migbura mill-istess socjeta' konvenuta u dovuti lis-socjeta` attrici.
In vista tar-riduzzjoni fl-ammont mitlub mis-socjeta` attrici, l-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Frar 2002, ta' kull att kawtelatorju mahruga in kawtela tal-ammonti hawnhekk mitluba ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs.
Bl-imghaxijiet mill-1 ta' Frar 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------